**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Ottubru 2020

Rikors Numru: 250/12 AL

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ippremettiet:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Marzu 1991 u li minn dan iz-zwieg kienu twieldu zewgt itfal – D li twieldet fil-23 ta' Marzu 1992 u E li twieldet fis-27 ta' Dicembru 1997.*

2. *Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment stante illi l-konvenut rrenda ruhu hati versu l-attrici ta' sevizzi, eccessi u ingurji*

[1] Fol. 1.

*gravi u sahansitra ghaddej kumpilazzjoni dwar attentat ta' qtil tal-istess attrici.*

3. *Illi minkejja li saru tentattiv sabiex jintlahaq ftehim bonarju anki tramite l-procedura ta' medjazzjoni, ma intlahaq l-ebda ftehim u l-attrici giet awotirizzata tiftah din il-kawza.*

4. *Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. *Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut.*

2. *Tafda l-kura u kustodja tal-minuri E esklussivament f'idejn l-attrici.*

3. *Tirregola l-access tal-konvenut ghall-minuri E fl-ahjar interess tal-istess minuri u jekk jehtieg tordna li l-access jigi ezercitat taht supervizjoni.*

4. *Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghaliha u ghall-minuri fl-ammont iffissat u skond il-modalitajiet iffissati minn din l-Onorabbli Qorti.*

5. *Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghal bint il-partijiet D B, fl-ammont iffissat u skond il-modalitajiet iffissati minn din l-Onorabbli Qorti, u dan peress illi l-istess D B ghadha tistudja fuq bazi full-time u ghadha ma ghalqitx l-eta ta' 23 sena.*

6. *Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 in toto jew in parte.*

7. *Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tornda li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata[2] ta' C B li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personalo bejniethom, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lil-attrici;*

2. *Ma hux minnu li l-eccipjenti jahti ghat-tifrik taz-zwieg, ghall-kuntrarju kienet l-attrici li b'diversi sevizzi, ingurji gravi, relazzjonijiet adulteri, minacci, eccessi, farrket iz-zwieg u dan kif se jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;*

3. *Illi l-esponenti jaqbel li l-kura u kustodja tal-minuri E ghandha tkun fdata f'idejn l-attrici;*

4. *Illi l-access tal-konvenut ghall-minuri m'ghandhiex tigi ezercitata taht supervizjoni u dan peress li ma jezistux estremi legali ghaliex il-konvenut ghandu jkun supervizjonat u dan kif se jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;*

5. *Illi konsegwentament din il-Qorti ghandha tiddetermina u tiffissa, l-hinijiet tad-dritt t'access ghall-konvenut;*

6. *Illi in kwantu ghall-mantniment dovut ghall-attrici innifisha, l-konvenut m'ghandux jigi kkundannat ihallsu u dan stante li kienet l-attrici stess li kienet il-kagun tat-tkissir taz-zwieg bejn l-imsemmija kontendenti, inoltre l-attrici tahdem;*

7. *Illi in kwantu ghar-retta alimentarja dovuta lill-minuri E, din il-Qorti ghandha tiddetermina kemm ghandhom jikkontribwixxu z-zewg partijiet u mhux l-esponenti biss u dan wara li l-Qorti tikkunsidra u tiddetermina min ikun qed jiehu hsieb il-minuri u l-bzonnijiet kollha ta'*

[2] Fol. 17.

*l-istess minuri u l-qliegh taz-zewg kontedenti;*

8. *Illi in kwantu ghat-talba ghall-manteniment dovut lill-bint il-partijiet D B, din hija talba li tista' tigi biss proposta mill-istess D B u dan stante li llum il-gurnata hija maggorenni u ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda;*

9. *Illi s-sanzjonijiet legali kontemplati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom ghall-kuntrarju jigu applikati fil-konfront ta' l-attrici;*

10. *Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet l-esponenti ghandu xi mobbli u krediti parafernali li ghandu jiehu lura oltre l-abitazzjoni tad-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata b'mod esklussiv lill-esponenti;*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici rikorrenti li minn issa qieghda tigi ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat l-affidavits ipprezentati u d-dokumenti annessi magħhom;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dr Nadia Vella, Dr Anna Mallia u Dr Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment, għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, unikament imputabbli lill-konvenut. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Issir referenza għar-rikors promotur fejn l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tkun unikament imputabbli lill-intimat minħabba sevizzi, eċċessi u inġurji gravi;

2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, aċċess u l-manteniment għall-minuri E B;

4. Tordna lil konvenut iħallas manteniment għall-attriċi nnifisha u kif ukoll għal binthom D B li minkejja li għandha tmintax-il (18) sena din għadha taħt it-tlieta u għoxrin (23) sena u għadha tistudja fuq bazi *full-time*;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

Min-naħa l-oħra l-konvenut jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija tirrisjedi unikament fuq l-attriċi ai termini tal-Artikolu 38 u 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

### *2.1. <u>Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut</u>*

Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tiddikjara li zzewġet lil konvenut nhar it-2 ta' Marzu 1991 minn liema zwieġ twieldu zewġt itfal, D li twieldet fl-1992 u llum għandha tmienja u għoxrin (28) sena u E li twieldet fl-1997 u fil-prezent għandha tnejn u għoxrin (22) sena. Appena l-partijiet izzewġu dawn marru joqgħodu ma' omm il-konvenut u dan sakemm il-partijiet xtraw id-dar matrimonjali tagħhom.

L-attriċi tispjega li r-relazzjoni tal-partijiet dejjem kienet waħda problematika u dan stante l-għira esaġerata tal-konvenut. Fil-fatt minħabba tali għira l-attriċi kienet toqgħod ferm attenta dwar il-movimenti tagħha kemm ġewwa u kif ukoll barra d-dar. Barra minn hekk, l-attriċi tispjega ukoll li zewġha kien dejjem nervuz u vjolenti magħha fejn wara sena biss miz-zwieġ tagħhom, il-konvenut allegatament refa' idejh għall-ewwel darba fuq l-attriċi. Sussegwentament l-attriċi tgħid li l-konvenut kien reġa' refa' jdejh fuqha fl-1996, fejn din id-darba l-attriċi kienet telqet mid-dar bit-tifla D u marret għand ommha. Minkejja dan, l-attriċi tgħid li kienet ħafritlu u rritornat lura d-dar flimkien ma' zewġha. L-istess kien ġara fl-2004 fejn il-konvenut kien mill-ġdid refa' jdejh fuq l-attriċi, izda din id-darba l-attriċi tispjega li kienet telqet mid-dar u marret tagħmel rapport lill-Pulizija. Madanakollu l-attriċi tispjega li l-Pulizija ma kienx ħalliha tagħmel ir-rapport u kkonvinċiha li kien ser jikkomunika direttament mal-konvenut. Għal darb'oħra l-attriċi ħafret lil konvenut u rritornat lura d-dar bit-tfal. Madanakollu minn tali incident, l-attriċi tikkonferma li l-konvenut ma reġgħax refa' jdejh fuqha izda beda jsawwat lit-tfal izda mhux quddiemha.

Il-fissazzjonijiet tal-konvenut komplew jiggravaw hekk kif twieldet it-tieni wild fl-1997 u wara li mietet ommu fl-2001. Il-fissazzjonijiet tal-konvenut kienu jinkludu n-neċċessita' li ma jgħarraqx u jagħmel dannu lill-affarijiet materjali tiegħu. L-attriċi saħansitra tiddikjara li l-konvenut ma kienx iħalli lil attriċi u lil uliedu jagħmel uzu mill-kamra tal-banju. Kellu ukoll nuqqas ta' fiduċja fl-attriċi li sempliċiment tfarfar l-għamara u dan għaliex kien ikollha ċċaqlaq u tmiss l-affarijiet. Meta l-konvenut kien jidħol lura d-dar filgħaxija dan kien jispezjona l-għamara kollha sabiex jivverifika jekk l-attriċi jew it-tfal kienux missew xi ħaġa. Din il-fissazzjoni tal-konvenut kienet fl-estramita' li jekk it-tfal kienu jixgħelu t-televizjoni kien ukoll jgħajjat magħhom għaliex missew id-*DVD Player*. L-istess kien jiġri meta jitilgħu

fil-karozza tal-konvenut, fejn l-attriċi ma kienetx tista' tnizzel it-tieqa jew tmiss xi ħaġa mill-karozza.

Magħdud mal-premess l-attriċi tispjega li meta t-tifla l-kbira bdiet tattendi l-*Junior College*, il-konvenut irrifjuta li jixtrilha l-kotba izda riedha toħroġ taħdem sabiex taqla' l-flus. Għaldaqstant l-attriċi ħarġet taħdem bħala *cleaner* mal-*Point de Vue* ġewwa r-Rabat sabiex b'hekk bintha tkun tista' tkompli bl-istudji tagħha. L-istess kien ġara meta kienet ser tattendi l-Universita', għaliex il-konvenut ma ried bl-ebda mod li D tkompli bl-istudji tagħha izda toħroġ taħdem, tant li kien ta' sikwit jheddidha, joffendiha u jkeċċiha mid-dar. Minkejja dan u bis-sostenn tal-attriċi, illum il-ġurnata D B laħqet *accountant* u għanda impjieg tajjeb.

L-attriċi tispjega li ma felħitx iktar din l-attitudni tal-konvenut u li tgħix ħajja taħt tensjoni enormi, tant li fl-2012 marret ssib l-għajnuna għand l-Aġenzija Appoġġ. Is-*social worker* kienet irreferrit lill-attriċi għal Dar Merħba Bik u fit-3 ta' Lulju 2012 kemm l-attriċi kif ukoll it-tfal telqu mid-dar u marru jgħixu hemmhekk. Tispjega ukoll illi qabel ma għamlet dan il-pass, madwar xahar qabel, l-attriċi kienet talbet lil konvenut sabiex ifittex l-għajnuna izda dan waqa' fuq widnejn torox għaliex skontu hu ma kellux problemi. Wara li l-attriċi u uliedha telqu mid-dar matrimonjali, l-konvenut baqa' jippressa lill-attriċi sabiex jara lil binthom iz-zgħira E u dan minkejja li hi ma riedetx tara lil missierha. Għaldaqstant sabiex E kienet tara lil missierha, l-attriċi kienet tmur magħha. Darbtejn minn dawn il-mawriet, il-konvenut kien ħadhom Ħad-Dingli, fejn ġiegħel lill-attriċi tinzel mill-karozza u tersaq lejn xifer l-irdum.

Tul dan il-perjodu l-attriċi tikkontendi ukoll li l-konvenut kien imur ix-xogħol tal-attriċi sabiex iħeġġiġha tmur lura lejn id-dar, izda tgħid li dejjem irrifjutat. L-istess kien ġara nhar it-26 ta' Settembru 2012 fejn il-konvenut mar fuq ix-xogħol tal-attriċi sabiex ikellimha u jikkonvinċiha sabiex tmur lura d-dar. L-attriċi bħalma kienet għamlet drabi oħra kienet irrifjutat li tmur lura d-dar u hekk kif qaltlu li ma kienx beħsiebha tmur lura d-dar bit-tfal, dan għolla pistola, semgħat ħoss qawwi u ħasset weġgħa kbira f'sidirha. Il-konvenut kien spara lill-attriċi u din dlonk telqet tiġri lura lejn il-post tax-xogħol tagħha titlob għall-għajjut. Il-konvenut ġie arrestat u wara proċeduri kriminali kontra tiegħu, huwa nstab ħati ta' attentat ta' qtil.

Fir-rigward tal-ulied, l-attriċi tgħid li dawn illum huma maġġorenni u jaħdmu fuq bazi *full-time*.

Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti, l-attriċi tgħid li d-dar matrimonjali nxtrat waqt iz-zwieġ, u ċjoe' nhar it-18 ta' Frar 1999. L-istess kienu nxtraw il-vetturi tal-marka Toyota u Peugeot, u kif ukoll il-papagalli. Għaldaqstant l-attriċi tippretendi li tingħata nofs il-valur ta' dan kollu. Barra minn hekk, l-attriċi tispjega li kienet nefqet is-somma ta' sitt mija u tletin Ewro (€630) f'aċċessorji tad-dar. Rigward il-mobbli, l-attriċi tikkontendi li l-biċċa l-kbira tal-għamara li tinsab fid-dar matrimonjali tappartjeni lil konvenut, izda hi kienet xtrat il-kamra tas-sodda qabel iz-zwieġ versu l-prezz ta' disa' mija u tmenin lira Maltin (LM980) u kif ukoll numrru ta' aġġeġġi oħra. Fl-aħħar nett tgħid illi meta kienu għadhom għarajjes, l-attriċi kienet selfet lil konvenut is-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000) sabiex jixtri vettura.

Il-verzjoni tal-attriċi tinsab ikkorrabborata permezz tax-xiehda ta' bintha D B[3] u ommha Ca Schembri.[4]

## 2.2. Il-Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi

Il-konvenut fir-risposta ġuramentata tiegħu jiddikjara li z-zwieġ ta' bejnu u martu tkissier b'mod irrimedjabbli minħabba ħtija tal-attriċi stess. Huwa rrileva li l-attriċi kkontribwixxiet għal diversi sevizzi, inġurji gravi, relazzjonijiet adulterji, minaċċi, eċċessi. Għajr għal din id-dikjarazzjoni, il-konvenut ma ressaqx iktar provi u dan minkejja l-opportunita' li kellu quddiem l-Assisstent Ġudizzjarju, hekk kif jirrizulta mill-atti proċesswali.[5]

Madanakollu, il-Qorti tista' tagħmel referenza għax-xiehda in subizzjoni tal-konvenut kif prodott mill-attriċi ta' nhar il-14 ta' Marzu 2014. F'din ix-xiehda l-konvenut jikkonferma li d-dar matrimonjali, l-vetturi u kif ukoll il-papagalli kienu nxtraw waqt iz-zwieġ. Magħdud ma' dan jikkonferma ukoll li ħafna mill-affarijiet li jinsabu fid-dar matrimonjali jappartjenu lilu għaliex kien wirithom minn għand ommu. Barra minn hekk, ikkonferma ukoll li kien għaddej minn proċeduri kriminali minħabba akkuzi ta' attentat ta' qtil tal-attriċi.

---

[3] Fol. 180-184.
[4] Fol. 185.
[5] Ara l-verbal tal-udjenza ta' nhar is-27 ta' Frar 2020 a fol. 402.

*2.3. Provi Oħra*

Marisa Russo in rapprezentanza ta' Aġenzija Appoġġ,[6] tgħid li saret taf lil attriċi stante li din tal-aħħar kienet għamlet kuntatt mad-*Domestic Violence Unit* fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ nhar it-2 ta' April 2012 fejn allegat li zewġha kien jabbuza minnha emozzjonalment, li kien għajjur ħafna u kif ukoll li pprova jifgaha. Barra minn hekk, ix-xhud tispjega ukoll li l-attriċi kienet infurmathom ukoll li l-konvenut kellu numru ta' fissazzjonijiet li kienu jpoġġu lill-attriċi u lil uliedhom taħt tensjoni kbira għaliex ma setgħux jgħixu l-ħajja b'mod normali. Mill-*case papers* tax-xhud jirrizulta li l-attriċi kienet tikkomunika mad-*Domestic Violence Unit* permezz tat-telefon fejn kienet tinfurmahom b'dak li kien qiegħed jiġri d-dar, fosthom: (i) nhar id-9 ta' April 2012 il-konvenut kien irid lil D B ma tkomplix l-istudju u tmur issib xogħol, (ii) nhar il-20 ta' April 2012 l-konvenut kien għadu jgħajjat ma' bintu D u kien għadu jinsisti li għandha titlaq mill-iskola u tmur issib xogħol ħalli taqla' l-flus, (iii) nhar it-8 ta' Mejju 2012 għal darb' oħra l-konvenut baqa' jiġġieled u jgħajjat rigward il-futur ta' D B, (iv) nhar l-1 ta' Ġunju 2012 l-konvenut ried rapport sesswali mal-attriċi izda din irrifjutat u beda jheddidha li jkeċċiha barra mid-dar, (v) il-konvenut kien id-dar fuq *sick leave* għal xahar u kien qiegħed jagħmillhom ħajjithom mizerja għaliex il-ħin kollu jgħajjat magħhom, u (vi) nhar it-3 ta' Lulju 2012 l-attriċi ġiet ammessa Dar Merħba Bik flimkien ma' uliedha u l-konvenut xorta waħda għadu jċemplilha. Meta l-attriċi bdiet tgħix f'Dar Merħba Bik, kienu jsiru *shelter visits* fejn deher li l-attriċi u t-tfal kienu komdi u jħossuhom ferm aħjar, izda nfurmathom li l-konvenut kien qiegħed imur ifittixha x-xogħol fejn iwiegħda li ser jinbidel. Meta l-attriċi ġiet feruta minn zewġha permezz ta' arma tan-nar nhar is-26 ta' Settembru 2012, saret ukoll vista ġewwa l-isptar fejn l-attriċi rrakkontat mill-ġdid l-fatti kif seħħew.

Pamela Cuschieri bħala l-Kap tad-Dar Merħba Bik,[7] tgħid li l-attriċi saret tafha għaliex daħlet ġewwa d-dar nhar it-3 ta' Lulju 2012 flimkien mat-tfal tagħha u dan wara li allegat li zewġha kien jikkontrollha lilha u lil uliedhom, jheddidhom u jabbuza minnhom emozzjonalment u fizikament. Tikkonferma ukoll li nhar is-26 ta' Settembru 2012, l-attriċi kienet ċemplitilha mill-isptar fejn infurmatha li zewġha kien sparalha. Wara li ġiet

[6] Fol. 108-112.
[7] Fol. 152.

rilaxxata mill-isptar, l-attriċi reġgħet marret lura lejn Dar Merħba Bik fejn baqgħet hemm sa nhar is-6 ta' Frar 2013 u dan għaliex kienet sabet flat bl-għajnuna tal-Awtorita' tad-Djar.

Dr Jean Pierre Giorgio bħala Psikjatra,[8] xehed illi l-konvenut kien pazjent tiegħu għal tlett (3) ġimgħat fis-sena 2012 u dan wara li kien spara lill-attriċi. Fil-fatt wara li kien spara lil martu huwa kien spiċċa l-isptar Monte Karmeli nhar is-27 ta' Settembru 2012. Jgħid illi meta ġie invistat il-konvenut kien jinsab imdejjaq u aġitat. Il-konvenut ġie ċċertifikat ukoll li jsofri minn *obsessional personality* u l-psikjatara ma setgħax jeskludi li l-konvenut kien ibati ukoll minn għira abnormali esaġerata għall-attriċi. Konsegwentament Dr Giorgio rrilaxxa lil konvenut nhar il-15 ta' Ottubru 2012 u minn dakinhar il-psikjatra jgħid li qatt ma ra aktar lill-konvenut.

Dr Joseph Spiteri bħala konsulent psikjatra tal-*Forensic Unit* fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u fl-isptar Monte Karmeli, jixhed illi l-konvenut daħal fil-*Forensic Unit* nhar is-16 ta' Ottubru 2012 taħt il-kura tal-psikjatra, fejn ġie intervistat kemm-il darba. Il-psikjatra jgħid li kkonkluda li l-konvenut isofri minn *morbid jealousy* u din kienet fil-kwantita' ta' deluzjoni (*false belief*). Wara diversi intervisti kliniċi mal-konvenut, il-psikjatra jispjega li l-konvenut kien jgħid u dan b'referenza għall-attriċi li *"jekk ma nohodhiex jien ma johodha hadd"* u b'hekk il-psikjatra kien konvint li l-istat mentali tal-konvenut kien wieħed perikoluz partikolarment lejn martu. Barra minn hekk il-psikjatra jispjega li l-konvenut kellu ukoll sintomi ta' dipressjoni u l-kundizzjoni tal-fittaġni OCD.

Magħdud mal-premess, ġie pprezentat ukoll rapport tal-Pulizija magħmul mill-konvenut stess wara li spara lill-attriċi nhar is-26 ta' Settembru 2012[9] u kif ukoll is-sentenza mill-Qorti Kriminali bin-numru 12/2015 mogħtija nhar it-8 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti kkundannat lil konvenut għal perjodu ta' seba' (7) snin u nofs priġunerija.[10]

## 2.4. *Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

[8] Fol. 198-205.
[9] Fol. 163-168.
[10] Fol. 232-242.

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*2.4.1.* *<u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid u Offizi Gravi</u>*

Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".***

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[11] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **A Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[12] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[13] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li*"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-

---

[11]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[12]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[13]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

ismijiet **A Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[14] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[15] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[16]; *Skond l-istess Qorti* "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[17]

*2.4.2.* *<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti da parti l-attriċi ma tarax għaliex m'għandhiex tiddeċiedi li z-zwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentament tgħaddi sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ukoll tal-fatt illi l-partijiet fil-prezent ma jgħixux taħt l-istess saqaf u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Fir-rigward tal-allegata vjolenza da parti l-konvenut fuq il-persuna tal-attriċi, il-Qorti ħadet konjizzjoni tan-numru ta' episodji msemmija mill-attriċi, inkluz l-inċident tas-26 ta' Settembru tal-2012 fejn il-konvenut spara fuq l-attriċi u instab ħati mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti tikkontendi li rigward dawk l-inċidenti fejn l-attriċi allegat li l-konvenut refa' jdejh fuqha, dawn ma ġewx minimament ippruvati permezz ta' provi bħal rapporti mal-Pulizija. Madanakollu l-attriċi resqet kull prova neċessarja sabiex tipprova illi l-

[14]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[15]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[16]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[17]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

konvenut ma kienx kapaċi biss jerfa' jdejh fuqha, talli kien wasal f'estramita' li jispara fuqha bl-intiza li joqtolha. In vista ta' din il-ħtija ta' omoċidju volontarju, il-Qorti tikkonsidra li l-verzjoni tal-attriċi ma hijiex waħda inverosimili jew esaġerata. Temmen ukoll li l-konvenut wasal għal din l-estramita' gradwalment, fejn fil-bidu kien vjolenti magħha fizikament u verbalment, u konsegwentament wasal sabiex jisparalha bl-intiza li joqtolha wara li rrealizza li martu ma kienetx sejra lura d-dar ma' uliedhom hekk kif kienet għamlet drabi oħra. Għaldaqstant il-Qorti tinsab konvinta li l-attriċi verament sfat għal perjodu twil bħala l-vittma tal-konvenut, bil-konsegwenza li meta qabzet għad-drittijiet tagħha, sofriet minn inċident daqstant ikrah u inuman.

Il-Qorti tirritjeni li l-vjolenza ma tieħux biss forma fizika izda anke dik verbali u emozzjonali. Fil-kaz odjern il-Qorti tinsab ukoll konvinta li l-attriċi bagħtiet ferm minn zewġha u dan forsi minħabba l-problemi ta' saħħa mentali li huwa kellu. L-ossessjoni u l-fissazzjonijiet li kellu l-konvenut fuq l-attriċi nnifisha, l-effetti personali kollha tiegħu u l-flus kienu bil-wisq eċċesivi li waslu sabiex affettwaw lill-attrriċi emozzjonalment bil-konsegwenza li kienet tħossha mkissra. Minħabba dawn il-fisazzjonijiet l-attriċi u kif ukoll uliedha kienu qegħdin jgħixu konstantament fil-biza', tensjoni, fejn kienu jibzgħu jgħixu b'mod liberu. Tali aġir da parti l-konvenut kien ikompli jsarraf f'għixien inuman u mill-inqas dinjituz li zgur ma jawgurax ħajja mizzewġa feliċi. Fil-fatt l-attriċi u uliedu marru jgħixu 'il bogħod mill-konvenut, fejn ġie ippruvat li kienu qegħdin jgħixu ħafna aħjar. Barra minn hekk il-Qorti tinsab konvinta ukoll li l-attriċi u uliedha sfaw vittimi ta' attakki verbali fejn l-konvenut kien jesprimi ruħu b'mod aggressiv f'kaz li dawn ma kienux josservaw ir-regolamenti tiegħu.

Għaldaqstant il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-attriċi sfat vittma ta' vjolenza fizika, verbali u emozzjonali, inġurji gravi, sevizzi u eċċessi. Dan jingħad ukoll in vista tal-fatt li l-verzjoni attriċi ma tinsabx kontradetta stante li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti ma għandhiex ma temminx illi l-attriċi xorta waħda sfat vittma tal-konvenut. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għandhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dan illi l-ħtija ghat-tifrik taz-

zwieġ hija imputabbli unikament lill-konvenut stante inġurji gravi, sevizzi u eċċessi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili.

### 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenuta:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' zewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

"***(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***[18]

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara datastabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkunkunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' danil-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".***

L-Artikolu 51 jistipula:

[18] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

L-Artikolu 52 jistipula:

***"Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda."***

Fil-każ odjern, il-konvenut huwa ħati ta' inġurji gravi, sevizzi u eċċessi fil-konfront tal-attriċi. Fuq talba tal-attriċi sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* iċċitati, il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni, b'mod partikolari l-inċident fejn il-konvenut spara fuq l-attriċi, għandha tgħaddi sabiex tuza d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili u tilqa' t-talba attriċi billi tapplika s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenuta.

## 4. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Ulied:

L-attriċi titlob illi tiġi fdata bil-kura u l-kustodja ta' bintha E B. Il-konvenut ma joġġezzjonax. Fid-data tal-preżentata tal-kawża, u ċioe fl-1 ta' Novembru 2012, bint il-partijiet diġa kellha ħmistax-il (15) sena. Għalhekk jirriżulta illi fid-data preżenti hija għandha tnejn u għoxrin (22) sena u b'hekk laħqet l-eta` maġġorenni. Għaldaqstant m'hemmx iktar lok li l-Qorti tippronunzja ruħha dwar il-kura u l-kustodja tagħha u għalhekk ser tkun qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba.

Magħdud mal-premess u fir-rigward tal-manteniment, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex il-konvenut iħallas manteniment għall-ulied D u E, aħwa B. Il-Qorti tevalwa li D B, imwielda nhar it-23 ta' Marzu 1992, fil-prezent għandha tmienja u għoxrin (28) sena u tinsab f'impjieg *full time* bħala *accountant.* Għaldaqstant il-Qorti ma tara li hemm l-ebda lok li l-Qorti tordna li l-konvenut iħallas manteniment. Min-naħa l-oħra u fir-rigward E B, imwielda nhar is-27 ta' Diċembru 1997, jingħad illi fil-prezent għandha tnejn u

għoxrin (22) sena u b'hekk hija maġġorenni ukoll. Madanakollu l-Qorti tevalwa ukoll li mill-affidavit tal-attriċi ġie ddikjarat li E B tinsab f'impjieg *full-time* u b'hekk mhux qiegħda ssegwi kors ta' studju. Għaldaqstant il-Qorti ma tarax li hemm lok għall-konvenut li jħallas manteniment.

## 5. Manteniment għall-Attriċi:

Permezz tar-rikors ġuramentat l-attriċi talbet manteniment għaliha. Madanakollu, il-konvenut ma jaqbilx li għandu jħallas manteniment għal martu stante li l-attriċi taħdem.

Mill-atti proċesswali jirrizulta li l-attriċi tinsab f'impjieg u fl-2013 kellha introjtu gross ta' elfejn, tlett mija, ħamsa u għoxrin Ewro, disgħa u tletin ċentezimu (€2,325.39)[19] u kif ukoll dħul mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, abbazi tas-sena 2013 li jammonta għal ħamest elef, tmien mija, tnejn u erbgħin Ewro, sebgħa u erbgħin ċentezimu (€5,842.47).[20]

Min-naħa l-oħra, l-konvenut iddikjara li għandu introjtu ta' mitejn, disgħa u għoxrin Ewro, u sitt ċentezimi (€229.06), liema somma ma ġietx ikkontestata mill-attriċi. Ma ġiex ippruvat jekk l-konvenut hux eleġibbli u qiegħed jipperċepixxi minn xi għajnuna mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni illi l-attriċi ħadmet għal zmien twil sabiex tkun tista' tgħajjex lilha nnifisha u lil uliedha. Barra minn hekk irid jiġi sottolinejat illi l-attriċi ħarġet taħdem primarjament sabiex tkun f'pozizzjoni li tassisti lil bintha bl-istudji tagħha stante li l-konvenut ma riedx li jgħin lil bintu finanzjarjament għall-istess studji. Madanakollu, l-attriċi fl-ebda waqt matul din il-kawza ma ddikjarat li ma tinsabx f'pozizzjoni li taħdem sabiex tgħajjex lilha nnifisha. Magħdud ma' dan, il-Qorti tirrileva ukoll li ħadet konjizzjoni tal-prospett ta' spejjez fix-xahar tal-attriċi,[21] liema prospett fil-fehma tal-Qorti ma għadux fil-prezent relevanti ġialadarba ulied l-attriċi illum huma maġġorenni u jistgħu

[19] Fol. 134.
[20] Fol. 135, liema dokument juri li għas-sena bazi 2013 l-attriċi kellha dħul ta' €6,947.32 li kien jinkludi l-Allowance għat-Tfal. Għaldaqstant il-Qorti u dan in vista tal-fatt li ulied l-attriċi huma maħħorenni, neħħiet is-somma relatata mal-Allowance tat-Tfal sabiex tieħu konjizzjoni tad-dħul preċiz li tista' tipperċepixxi minnu l-attriċi fil-prezent.
[21] Fol. 142.

jikkontribwixxu għall-għixien tal-ħajja u dan a kuntrarju ta' meta kienu għadhom minuri jew jistudjaw fuq bazi *full-time*.

Barra minn hekk, il-Qorti tinsab ukoll konvinta li l-konvenut għandu problem serji psikoloġiċi u dan kif ikkonstatat mill-esperti fil-qasam li ġew prodotti mill-attriċi stess. Ġie evalwat ukoll li ma ġiex ikkonfermat jekk wara li l-konvenut skonta s-sentenza tiegħu ta' priġunerija, dan kienx jinsab f'impjieg *o meno*.

Għaldaqstant u tenut kont tan-nuqqas ta' provi dwar id-dħul tal-konvenut u ċjoe' jekk dan huwiex wieħed ferm għola minn dak tal-attriċi jew le, u kif ukoll dwar il-kapaċita' tal-attriċi li fil-prezent tista' tkompli tgħajjex lilha nnifisha, il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju l-attriċi m'għandhiex tkun intitolata għall-manteniment minn għand il-konvenut. Madanakollu u fl-istess waqt, il-Qorti tikkonferma illi nonostante li fil-prezent l-attriċi m'għandhiex tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut, din xorta waħda ma tilfitx id-dritt illi titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand il-konvenut fil-futur minħabba tibdil fil-mezzi u/jew ċirkostanzi.

## 6. It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar it-2 ta' Marzu 1991, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

### *6.1. <u>It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

### *6.2. <u>Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Il-komunjoni tal-akkwisti hija komposta: (i) mid-dar matrimonjali, (ii) minn tlett (3) vetturi, (iii) tlett (3) pappagalli, (iv) mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali, l-attriċi pprezentat il-kuntratt tal-akkwist ta' din id-dar li seħħ nhar it-18 ta' Frar 1999 fl-atti tan-Nutar Dr Sandra Valentino.[22] Fil-mori ta' din il-kawza u fl-udjenza ta' nhar is-16 ta' Frar 2017 ġie maħtur il-Perit Alan Saliba sabiex jagħmel stima tad-dar matrimonjali.[23] Il-Perit ipprezenta r-rapport tiegħu datat u debitament maħluf nhar it-3 ta' April 2017 fejn ġie kkonstatat illi l-fond bl-indirizz *XX, X, Triq XX, Rabat* iġib il-valur ta' mija, tmienja u sittin elf Ewro (€168,000).

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-proposta tal-attriċi li l-fond in kwistjoni għandu jinbiegħ b'liċitazzjoni ai termini tal-Artikolu 515 sub-inċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra: *"Meta l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta'xorta differenti iżda tal-istess valur, dawk il-beni jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom"*. Sabiex il-Qorti tkun f'pozizzjoni li tawtorizza l-bejgħ b'liċitazzjoni, din għandha tevalwa jekk tali bejgħ jistgħax isir '*bla xkiel u bla ħsara'*. Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bugeja sive Charles et vs Dr Martin Fenech noe**,[24] fejn ġie mgħallem illi "*Il-kwestjoni għalhekk dwar jekk għandhiex tiġi ordnata l-liċitazzjoni bħala mezz estrem biex wieħed joħroġ mill-komunjoni, minflok ir-rimedju ordinarju tad-diviżjoni, tirriduċi ruħha f'jekk il-qasma materjali hijiex possibbli fil-limiti hawn fuq imfissra"* u ċjoe': (i) mingħajr ma ssir ħsara lill-interessi ta' dawk li qegħdin jaqsmu u (ii) mingħajr ma jkun hemm tnaqqis fil-valur tal-ġid bil-qasma tiegħu.

Tenut kont tal-fattispeċji odjerni, Il-Qorti tinsab konvinta illi d-divizjoni tar-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti jaf ikun process diffiċli għal konvenut u dan fid-dawl tal-ossessjoni u l-kontroll li għandu fuq l-attriċi. Għaldaqstant, il-Qorti bil-wisq temmen li tezisti l-probabbilita' li l-kovenut jipprova jxekkel il-proċess ta' bejgħ bl-intiza li jkompli jenforza ruħu fuq il-ħajja tal-attriċi. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi l-bejgħ tad-dar matrimonjali fis-suq miftuħ ma huwiex daqstant possibbli. Magħdud ma' dan u ġialadarba l-Qorti hija vestita bir-responsabbilita' li tara li l-interessi ta' kull parti jiġu salvagwardjati u mhux mittiefsa, fiċ-ċirkostanzi odjerni l-Qorti tara li huwa idoneju li tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tad-dar matrimonjali bil-proċedura mfissra mil-liġi għall-bejgħ bl-irkant fil-Qorti, bis-sehem ta' offerenti barranin, u bil-prezz kif iffissat fl-istima magħmula mill-perit tekniku fir-Relazzjoni li tagħmel parti mill-atti ta' din il-kawża, u bid-dħul

[22] Fol. 356-358.
[23] Fol. 206.
[24] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Settembru 2009.

mill-imsemmi bejgħ jinqasam nofs bin-nofs, bil-kundizzjoni li l-konvenut minn sehemu jħallas lill-attriċi l-imsemmi debitu hekk kif elenkat segwentament.

Fir-rigward tal-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali, l-Qorti rat li hemm qbil bejn il-partijiet li ħafna mill-għamara li tinsab fid-dar jappartjenu lill-konvenut, liema għamara għaddiet fil-pussess tiegħu minn għand ommu. Għaldaqstant il-Qorti tordna li dik l-għamara kollha li hija parafernali tal-konvenut u li għaddiet fil-pussess tiegħu permezz ta' wirt jew donazzjoni, għandha tiġi assenjata u rritornata lilu. Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-attriċi li xtrat il-kamra tas-sodda u kif ukoll numru ta' aġġeġġi oħra, il-Qorti tevalwa li l-attriċi ma pprovdiet l-ebda prova rigward dan u b'hekk ma tistgħax tieħu in konsiderazzjoni tat-talba tagħha li tiġi kkumpensata tagħhom jew assenjata lilhom. Għaldaqsant, il-mobbli kollha l-oħra rimanenti li jinsabu fid-dar matrimonjali u li ma jiffurmawx parti mill-beni parafernali tal-konvenut, dawn għandhom jinbiegħu mad-dar, b'dana illi l-prezz tal-bejgħ tad-dar matrimonjali għandha tirrifletti dawn il-mobbli.

Fir-rigward tat-tlett (3) vetturi u ċjoe' l-vettura tal-marka Toyota Tercel bin-numru ta' reġistrazzjoni CBL-656, Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni ABG-167 u Peugeot 406 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBH-364, dawn għandhom jiġu assenjati lill-konvenut. Madanakollu l-konvenut għandu jirrifondi lill-attriċi s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf (€25,000) bħala sehem l-attriċi mill-istess vetturi. Sabiex wasslet għal din is-somma l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni tal-konvenut stess dwar kemm xtara dawn il-vetturi fix-xiehda li ta in subizzjoni nhar l-14 ta' Marzu 2014. F'din ix-xiehda l-konvenut ddikjara li kien xtara l-vettura Toyota Tercel versu l-prezz ta' LM5,200 (€12,116) u l-Peugeot 306 versu l-prezz ta' LM8,000 (€18,640), liema somom ma ġewx ikkontestati mill-attriċi. Fir-rigward tal-vettura Peugeot 406, il-partijiet ma pprovdewx valur kemm inxtrat u għaldaqstant il-Qorti ħadet il-valur ta' €19,244 stante li hija vettura mudell aħjar minn dik ta' qabilha. Is-somma komplessiva tal-vetturi hija dik ta' €50,000 u n-nofs ta' din is-somma jappartjeni lill-attriċi.

Fir-rigward tat-tlett (3) pappagalli, il-konvenut fix-xiehda li ta in subizzjoni ddikjara li dawn il-pappagalli u ċjoe': (i) African Grey li kien xtraħ għas-somma ta' tmien mija u ħamsin Ewro (€850), (ii) Makau li kien xtrah għas-somma ta' elf, ħames mija u ħamsin (€1,550), u (ii) Amazon li kien xtrah għas-somma ta' mitt lira Maltin (LM100) li huwa ekwivalenti għal mitejn,

tlieta u tletin Ewro (€233), li flimkien jammontaw għas-somma ta' elfejn, sitt mija, tlieta u tletin Ewro (€2,633). Għaldaqstant il-Qorti tordna li dawn il-pappagalli għandhom jiġu assenjati lill-konvenut, filwaqt li dan għandu jirrifondi lill-attriċi s-somma ta' elf, tlett mija u sittax-il Ewro u ħamsin ċentezimu (€1,316.50).

Fir-rigward tal-allegat self ta' elf liri Maltin (LM1,000) mill-attriċi lil konvenut sabiex jixtri vettura, il-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni ma ġietx minimament ippruvata mill-attriċi u għaldaqstant ma tistgħax tikkunsidraha.

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji hekk kif imsemmija mill-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-Qorti tirrileva illi ma nġabet l-ebda prova rigward il-kontijiet bankarji li presumibbilment għandhom il-partijiet f'isimhom jew b'mod konġunt. Madanakollu, l-Qorti tordna illi f'kaz li jirrizulta li l-partijiet għandhom kontijiet bankarji, ikun idoneju illi l-partijiet jzommu dawk il-kontijiet li huma ntestati fuq isimhom, filwaqt li f'kaz li jirrizulta li hemm kontijiet bankarji li huma konġunti, dawn għandhom jiġu immedjatment magħluqa, fejn l-ammonti tal-istess kontijiet għandhom jappartjenu lill-attriċi u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja l-firda personali bejn il-konjuġi B u dan minħabba ħtija unikament imputata lil konvenut minħabba sevizzi, eċċessi u inġurji gravi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet talbiet attriċi, stante li E B hija maġġorenni;

3. Tiċħad ir-raba' talba fis-sens illi l-konvenut m'għandux iħallas manteniment għal E B stante li din illum għandha tnejn u għoxrin (22) sena u tinsab f'impjieg *full time*, filwaqt li fir-rigward tal-manteniment għall-attriċi, il-Qorti tiddikjara li fil-prezent l-attriċi

m'għandhiex tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut, b'dana illi l-attriċi xorta waħda mhux qiegħda titlef id-dritt tagħha illi titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand il-konvenut fil-futur minħabba tibdil fil-mezzi u/jew ċirkostanzi;

4. Tiċħad il-ħames talba attriċi stante li D B illum għandha tmienja u għoxrin (28) sena u tinsab f'impjieg *full time*;

5. Tilqa' is-sitt talba attriċi u tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

6. Tilqa' is-seba' talba attriċi u tillikwida, tiddividi u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti lil partijiet skont il-provvedimenti tas-sitt (6) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' '*It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'*.

Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-Perit Alan Saliba, għandhom ikunu sapportati mill-konvenut.